

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Lulju 2022 – OC vs SEAE(Kawża T-681/20) ⁽¹⁾

(“Responsabbiltà – Servizz pubbliku – Persunal tas-SEAE assenjat f’pajjiż terz – Denunzja ta’ irregolaritajiet – Rapport ta’ spezzjoni – Trasferiment – Atti li jikkawżaw preġudizzju – Aġir mhux deċiżjonali – Osservanza tar-rekwiżiti marbuta mal-proċedura prekontenzjuża – Protezzjoni ta’ informaturi – Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal – Dmir ta’ premura – Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali – Rispett tal-ħajja privata – Protezzjoni ta’ data personali”)

(2022/C 340/42)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: OC (rappreżentanti: L. Levi u A. Champetier, avukati)

Konvenut: Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (rappreżentanti: S. Marquardt u R. Spáč, aġenti)

Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 270 TFUE, ir-rikorrenti titlob kumpens tad-dannu li hija allegatament ġarrbet minħabba l-atti u l-aġir tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE).

Dispożittiv

- 1) Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) huwa kkundannat iħallas is-somma ta' EUR 10 000 lil OC bħala kumpens għad-dannu morali mġarrab.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Is-SEAE huwa kkundannat ibati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll nofs l-ispejjeż ta' OC.

⁽¹⁾ ĠU C 19, 18.1.2021.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Lulju 2022 – VI vs Il-Kummissjoni(Kawża T-20/21) ⁽¹⁾

(“Servizz pubbliku – Uffiċjali – Reklutaġġ – Kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/363/18 – Nuqqas ta’ inklużjoni fil-lista ta’ riżerva – Ugwaljanza fit-trattament – Stabbiltà fil-kompożizzjoni tal-Bord tal-Għażla”)

(2022/C 340/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: VI (rappreżentanti: D. Rovetta u V. Villante, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: T. Lilamand, D. Milanowska u A.-C. Simon, aġenti)

Suġġett

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 270 TFUE, ir-rikorrenti titlob, minn naħa, l-annullament, l-ewwel, tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla EPSO/AD/363/18 li ma tigiż inkluzja fil-lista ta' riżerva tal-kompetizzjoni, it-tieni, tad-deċiżjoni ta' dan l-istess Bord tal-Għażla li tiċħad it-talba tar-rikorrenti għal eżami mill-ġdid tad-deċiżjoni inizjali, it-tielet, tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Awwissu 2019 li tiċħad l-ilment tagħha, ir-raba', tal-avviż ta' kompetizzjoni EPSO/AD/363/18 tal-11 ta' Ottubru 2018 organizzata sabiex jiġu stabbiliti żewġ listi ta' riżerva li minnhom il-Kummissjoni kellha tirrekluta amministraturi (AD 7) fl-oqsmha tad-dwana u tal-fiskalità u, il-ħames, tal-lista ta' riżerva tal-kompetizzjoni kif ukoll, min-naħa l-oħra, il-kumpens tad-dannu allegatament subit.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni, meħuda wara l-eżami mill-ġdid, tal-Bord tal-Għażla tal-kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/363/18 tas-27 ta' Frar 2020 li isem VI ma jgħix inkluż fil-lista ta' riżerva tal-imsemmija kompetizzjoni hija annullata.
- 2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 128, 12.4.2021.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Lulju 2022 – Colombani vs SEAE

(Kawża T-129/21) ⁽¹⁾

(“Servizz pubbliku – Uffiċjali – Persunal tas-SEAE – Pożizzjoni ta’ Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni fil-Kanada – Pożizzjoni ta’ Direttur Medju-Orjent Afrika tat-Tramuntana – Ċaħda ta’ kandidatura”)

(2022/C 340/44)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Jean-Marc Colombani (Auderghem, il-Belġju) (rappreżentant: N. de Montigny, avukata)

Konvenut: Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (rappreżentanti: S. Marquardt u R. Spáč, aġenti, assistiti minn M. Troncoso Ferrer u F.-M. Hislairé, avukati)

Suġġett

Permezz tar-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 270 TFUE, ir-rikorrent jitlob l-annullament tad-deċiżjoni tas-17 ta' April 2020 li permezz tagħha s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ċaħad il-kandidatura tiegħu għall-pożizzjoni ta' Direttur Medju-Orjent Afrika tat-Tramuntana (Avviż ta' pożizzjoni vakanti 2020/48) u tad-deċiżjoni tas-6 ta' Lulju 2020 li permezz tagħha s-SEAE ċaħad il-kandidatura tiegħu għall-pożizzjoni ta' Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-Kanada (Avviż ta' pożizzjoni vakanti 2020/134).

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Jean-Marc Colombani huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 182, 10.5.2021.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Lulju 2022 – Zdút vs EUIPO – Nehera et (nehera)

(Kawża T-250/21) ⁽¹⁾

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità – Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea NEHERA – Raġuni assoluta ta’ invalidità – Assenza ta’ mala fide – Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 59(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)

(2022/C 340/45)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Ladislav Zdút (Bratislava, is-Slovakkja) (rappreżentant: Y. Echevarría García, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Gája, aġent)